Kunsill Lokali Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

**MINUTI TAS-SBATAX IL-LAQGĦA TAS-SEBA' KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** L-Erbgħa, 30 ta' Jannar 2013

**Ħin:** Mill-5pm sas-7.15pm

**Preżenti:**

It-Tabib John Zammit Montebello
It-Sur Joseph Mary Galea
Is-Sur Guido Borg
Is-Sur Desmond Zammit Marmara
Is-Sur Stephen Gatt

**1. <u>Approvazzjoni tal-Minuti tas-Sittax–il laqgħa tas-Seba' Kunsill.</u>**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tas-Sittax-il laqgħa ta' nhar l-Tlieta, 8 ta' Jannar 2013. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Is-Sindku saqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Kunsillier S.Gatt talab li f'*item 2* tieni paragrafu għandu jiżdied ukoll is-Sur David Soler, Regional and Authorised Officer. Il-Minuti kienu proposti għall-approvazzjoni mis-Sur Guido Borg, li kien issekondat mill-Kunsillier is-Sur Stephen Gatt. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**2. <u>Mill-Minuti</u>**

Is-Segretarju talab lis-Sindku jinforma lill-Kunsill dwar il-laqgħa li saret fis-16 ta' Jannar 2013 bejn l-iskola ta' Stella Maris, Transport Malta, is-Sur D. Soler u l-Kunsill.

Waqt din il-laqgħa tqajmu diversi punti fejn il-Kunsill qed jinsisti li trid tinstab soluzzjoni min naħa tal-iskola mingħajr aktar dewmien neċessarju. Diġa' għaddew ġimgħatejn minn din il-laqgħa imma l-Kunsill baqa' mingħajr risposta.

Għalhekk il-Kunsill iddeċieda li jekk din is-sitwazzjoni mhux ser tittranġa u nibqgħu bla risposta, il-Kunsill bl-għajnuna tal-gwardjani ser jibdew jinfurzaw il-liġi sabiex tiġi regolarizzata din is-sitwazzjoni. Il-Kunsill talab lis-Segretarju biex jibgħat ittra finali lill-headmistress u għandha sal-15 ta' Frar 2013 biex tirrispondi u tagħtina soluzzjoni.

Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li l-laqgħa mal-Kunsill Malti għas-settur tal-volontarjat ser issir nhar it-Tnejn, 8 ta' April 2013 fis-6pm.

## 3. Korrispondenza

Saret talba minn Tarcisio Galea Group biex jestendi l-permess tat-tower krejn li jinsab fi Triq Kannizzata, Ħal Balzan sal-aħħar ta' Marzu.

Fuq din it-talba s-Sindku ppropona li ladarba il-kuntrattur ma żammx maż-żmien stipulat u li minn ilmenti li saru mir-residenti minħabba nuqqasijiet li saħansitra kkawżaw xi danni lill-karozzi tar-residenti, din it-talba tiġi miċħuda. Il-Kunsill qabel unanimament ma' dan il-proponiment u talab lis-Segretarju biex jinforma lill-Kuntrattur biex iżarma dan it-tower krejn fi żmien 48 siegħa.

Talba mingħand il-Każin Banda San Gabriel biex b'kollaborazzjoni mal-Kunsill tiġi organizzata Wirja tal-Ġimgħa Mqaddsa kif ukoll Purċissjoni ta' Ħadd il-Palm bil-parteċipazzjoni tal-Banda tal-Iscouts. Din it –talba tlaħħaq is-somma ta' € 200. Il-Kunsill qabel unanimament li jipparteċipa u jħallas din is-somma.

Email mingħand il-Perit Alexander Borg għan-nom tal-MEPA fejn qed jinfurmana wara li kien sar ilment minn xi residenti fuq propjeta' li tinsab fi Triq L-Imdina bl-isem 'Villa Carmar li 'l-propjeta'qed tiġi wżata bħala uffiċini mingħajr permess, il-MEPA qed tieħu parir legali fuq dan.

Is-Sindku stqarr li kif il-Kunsill dejjem għamel fir-rigward ta' permessi tal-bini fejn kien hemm xi possibilita' ta' irregolarita', joġġezzjona u jinsisti mal-MEPA biex isir l-infurzar jekk ikun il-każ. Sfortunatament il-Kunsill m'għandux poteri eżekuttivi biex jagħmel dan.

Talba mingħand Transport Malta biex isir *reserved parking* quddiem il-Hospice Movement. Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li din issir basta quddiem il-propjeta' tal-moviment.

Ittra mingħand id-Direttur tal-Kunsilli Lokali fuq 153, Triq il-Kbira, Ħal Balzan. Huwa nfurmana li bħala Kunsill għandna ninnegozjaw mal-Awtorita' tad-Djar u li għandna infittxu post alternattiv f'każ li jkun hemm ordni mill-qorti biex nevakwaw il-post.

Sadanittant fuq dan il-każ, il-Kunsill qabbad lill-avukat biex tinfurma b'dan lill-Awtorita' fejn ir-risposta li ngħatat mill-Awtorita' kienet li huma kienu ser jgħaddu lura dan il-fond mingħajr ma jidħlu l-Qorti mas-sidien u b'hekk jevitaw l-ispejjeż tal-Qorti.

Is-Sindku talab lis-Segretarju jibgħat r-risposta tal-Awtorita' lid-Direttur tal-Kunsilli Lokali għall-attenzjoni tiegħu biex ngħarrfu nimxu.

Il-Kunsill ħa konjuzjoni tal-ittri l-oħra li rċevejna u qabel li jkompli jsegwi l-interessi tal-Kunsill kif ikun meħtieġ.

## 4. Rapport dwar l-Ilmenti

Talba biex tinżebagħ kaxxa safra quddiem l-entratura tal-garaxxijiet ta' Trinidad Court fi Triq Il-Kbira. Ser issir talba lil-Transport Malta biex jinħareġ permess.

Dwar ilmenti li rċieva l-Kunsill f'dan il-perjodu l-Kunsill ġie nfurmat illi dawn ġew konsiderati u li tkun ittieħdet azzjoni min naħa tal-Kunsill sabiex tinstab soluzzjoni u jitneħħa kull inkonvenjent għas-sodisfazzjoni ta' kull min ikun ippreżenta l-ilment.

## 5. Estimi Finanzjarji 2013 u Business Plan 2013-2015

L-Estimi *draft* emendati għas-sena finanzjarja 2013 tqegħdu fuq il-mejda tal-Kunsill (mehmuża). Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. Preżenti kien hemm l-accountant tal-Kunsill fejn irrisponda xi mistoqsijiet tal-Kunsilliera. Is-Segretarju Eżekuttiv ser jipprezenta kopja fil-*format* formali skont ir-regolamenti biex tiġi approvata u ffirmata waqt il-laqgħa li jmiss.

Il-*Business Plan* għat-tlett snin 2011-2013 tqiegħed fuq il-mejda (mehmuż). Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. Is-Segretarju Eżekuttiv ser jipprezenta kopja fil-*format* formali skont ir-regolamenti biex tiġi approvata u ffirmata waqt l-laqgħa li jmiss.

**6. Kwotazzjoni BLC 1/13 "Supply of Cement, Sand and Aggregate" u Offerti L.D.V. 1/13 " Leasing of light duty vehicle with low emissions"- Ħatra ta' Kumitat ta' Evalwazzjoni**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li għandhom jinħatru żewġ Kunsilliera biex jiftħu il-Kwotazzjonijiet mitfugħa ta' " Supply of Cement, Sand and Aggregate li tagħlaq nhar Tlieta 12 ta' Frar 2013 u dan ser ikun kompost mill-Kunsilliera Guido Borg u Stephen Gatt filwaqt li l-Viċi Sindku s-Sur Joe Galea ser jieħu ħsieb li jara xi kwalita' ta' materjal qed jiġi offrut.

Fir rigward tal-offerti mitfugħa għal "Leasing ta' light duty vehicle with low emissions", li tagħlaq nhar il-Ħamis 28 ta' Frar 2013, is-Sindku u l-Kunsilliera ser jiltaqgħu nhar is-Sibt 2 ta' Marzu biex jevalwaw l-offerti mitfugħa.

**7. Kwotazzjoni-Camray Ltd.- Xogħol addizzjonali fuq il-Proġett ERDF 205**

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda kwotazzjoni (meħmuż) fuq xogħolijiet addizzjonali ta' *rain water gutters* in konnessjoni mal-proġett tat-tisbieħ tal-Pjazza.

Is-Sindku rrefera għall-kwotazzjoni ta' Camray fejn ġiet ikkwotata s-somma ta' € 21,783.53. Żgur li fuq dak l-ammont il-Kunsill irid joħroġ sejħa għall-offerti skont il-liġi.

Għalhekk għandhom jinstabu alternattivi u soluzzjonijiet oħra u talab lis-Segretarju biex javża lis-Sur Mark Causon, Project Administrator tal-proġett biex isejjaħ laqgħa urġenti bejn il-perit tal-kunsill, Camray Ltd u l-Kunsill biex jiddiskutu dawn is-soluzzjonijiet.

**8. Tiġdid Kuntratt tal-Perit tal-Kunsill**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Kuntratt tal-Perit tal-Kunsill ser jiskadi fil-15 ta' Frar 2013 u talab lill-Kunsill jieħu deċizjoni jekk għandux jiġi mġedded il-Kuntratt tal-Perit preżenti jew toħroġ sejħa oħra għall-offerti.

Il-Kunsill qabel unanimament li għandha toħroġ sejha mill-ġdid għall-offerti ta' Perit mal-Kunsill u talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex jibda l-proċess.

**9. Laqgħa Annwali tal-Lokalita'**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi l-laqgħa tal-Lokalita' ser issir fit-8 ta' Frar 2013 fis-7.00pm u ser inkellmu lil-Kappillan biex nibbukkjaw is-Sala Aurora.

Il-Kunsill qabel unanimament li għandha ssir f'dik id-data u talab lis-Segretarju biex jinforma lir-residenti permezz tal-*media* skont kif mitlub fil-Liġi tal-Kunsilli Lokali.

**10. Immaniġġjar tat-Traffiku fi Triq Antonio Bosio**

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda korrispondenza li rċieva l-Kunsill mingħand ir-residenti li joqgħodu fi Triq Antonio Bosio fuq kif l-aħjar għandu jsir l-immaniġġjar tat-traffiku hekk kif tlestiet it-triq minn Transport Malta.

Kienu diversi residenti li bagħtu l-opinjoni tagħhom fejn esprimew diversi opinjonijiet. L-akbar ammont ta' suġġerimenti kienu qed jirreferu għal sistema ta' *one-way* fejn il-vetturi jidħlu min-naħa ta' isfel jiġifieri inti u ġej min-naħa ta' Triq Siġismondo jew Triq l-Għerusija titla' u toħroġ minn Triq Antonio Bosio kantuniera ma' Triq Balaguer.

Saret diskussjoni bejn il-kunsilliera u b'mod unanimu qabblu li t-tabella tal-*one way* titwaħħal fi Triq Antonio Bosio kantuniera ma' Triq Balaguer. Il-Kunsill talab lis-Segretarju biex jikteb lill-Transport Malta.

## 11. Komunikazzjoni tas-Sindku

Is- Sindku ma kellu ebda komunikazzjoni x'jgħaddi għax diġa' rrefera għal diversi punti matul il-laqgħa.

## 12. Approvazzjoni biex isir il-ħlas u ħlas ta' Petty Cash

Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data sat-30 ta' Jannar 2013 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta' € 18,627.76

L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier is-Sur G. Borg li kien issekondat mill-Kunsillier is-Sur D. Zammit Marmara. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijet ġiet iffirmata minn żewġ kunsilliera biex juru li hija dokument korrett.

## 13. Suġġerimenti u Mistoqsijiet Tal-Kunsilliera

Il-Viċi Sindku, is-Sur Joe Galea talab lill- Kunsill li r-rifużjoni tad-diesel li jingħata lis-Sur Carmel Desira, ħaddiem tal-Kunsill peress li tintuża l-karozza tiegħu biex jinġarr materjal u għodda għal xogħolijiet fuq barra titla' għal € 25 fil-ġimgħa u dan sakemm jingħata l-offerta tal-leasing tal-karozza tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li jagħmel dan għar-raġuni li biex wieħed ikollu jikri temporanju irid iħallas ferm iżjed. Il-Kunsill qed jitlob li jingħata riċevuta tal-petrol kif ukoll iżomm rekord ta' mili li jkun intużaw matul dik il-ġimgħa partikolari.

Il-Viċi Sindku talab lill-Kunsill biex napplikaw ma' Transport Malta biex isir double yellow line fi Triq Pope Alexander VII, il-parti t'isfel mal-ħajt tal-Ambaxxiata Spanjola. Il-Kunsill qabel li din għandha ssir.

Is-Sur D. Zammit Marmara ssuġġerixxa li f'Jum Ħal Balzan għandha titwaħħal plakka kommemorativa bl-ismijiet ta' dawk li mietu fit-tieni gwerra dinija. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suġġeriment u talab lis-Segretarju biex joħrog kwotazzjonijiet għal din il-plakka.

Is-Sur S. Gatt talab lill-Kunsill li fi Triq Birbal faċċata ta' Triq il-Kannizzata għandha ssir *Bus Stop* biex tilħaq ir-residenti ta' dawk in-naħat. Il-Kunsill qabel u ser tiġi ssuġġerita lill-Transport Malta.

**Għeluq:** Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar l-Erbgħa, 13 ta' Frar 2013 fil-5pm.

| | |
|---|---|
| **Dr. J. Zammit Montebello** | **Mark Mallia** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Data